Avviz Numru CCT 274/13/GB

**Salvino Gatt**

**vs**

**Forestals Group of Companies – Joseph F.X. Zahra**

Illum 12 ta' Marzu 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' Novembru, 2013, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija u sittin Ewro (€460.00), rapprezentanti l-prezz ta' 'motherboard' ġdid ghal notebook, liema notebook kien nha ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, pero' ma ġiex imsewwi kif suppost.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fi Frar 2013 huwa kien ha n-notebook tieghu ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija. Is-socjeta' ntimata kienet naddfet il-fan u biddlet it-'thermal heat dissipating paste' tas-CPU. Wara xi xahrejn, in-notebook rega' beda bil-problemi. Ir-rikorrent ha n-notebook ghand is-socjeta' ntimata darbtejn ghat-tiswija pero' baqa' bl-istess problema. Illi ghalhekk ir-rikorrent ha n-notebook ghand it-tekniku tieghu, Ivan Caruana, fejn dan it-tekniku kien informah illi t-'thermal paste' użat mis-socjeta' ntimata ma kienx tajjeb u ghalhekk dan ikkawża difett fil-'motherboard'. Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob 'motherboard' ġdid minghand is-socjeta' ntimata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Preliminarjament u per via proċedurali s-socjeta' ntimata tirrileva illi t-talba tar-rikorrent saret fil-konfront ta' "Forestals Group of Companies" liema persuna legali ma teżistix u għalhekk t-talba hija nulla in kwantu diretta lejn persuna inezistenti.

2. Illi fuq bażi preliminari, t-talba tar-rikorrent għandha tiġi michuda u dana peress illi, l-konsumatur ma jistax jitlob r-rimedji minnu pretizi u dana stante li huwa naqas li jottempora ruħu mal-*Artikolu 79(1) u (2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta bin-nuqqas ta' konformita'* allegata u dana peress illi r-rikorrent ma avzax bil-miktub (ossija permezz ta' att ġiduzzjarju u/jew ittra reġistrata) lill-intimati fi żmien xahrejn mid-data meta huwa ntebah bl-allegat difett.

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Illi, primarjament, l-ezamijiet bir-reqqa tat-teknici tas-socjeta' intimata fl-ebda stadju ma qatt indikaw illi l-motherboard tal-H.P. Pavillion NOtebook, ossija l-prodott in kwistjoni, kellu xi difett.

5. Illi, ma huwiex kredibbli li wieħed jargumenta li t-thermal heat paste jikkawża overheating u għaldaqstant ħsara fil-motherboard. Il-funzjoni tat-thermal heat paste hi, fuq kollox, li jżomm it-temperatura tal-prodott stabbli u baxxa.

6. Illi huwa minnu li, oriġinarjament, l-prodott in kwistjoni kellu problema ta' over-heating, liema problema pero' ġiet solvuta, kif ikkonfermat mir-rikorrent, mis-socjeta' intimata wara li tnaddaf il-ventilatur tal-istess prodott u s-sostituzzjoni tat-thermal heat paste.

7. Illi d-difett allegat issa huwa relatat mal-fazi tal-istart-up tal-prodott in kwistjoni. Dan huwa l-istadju meta l-prodott ikun fl-iktar temperatura baxxa possibbli.

8. Illi t-thermal heat paste li allegatament kkawza dan id-difett jintuża dejjem mis-socjeta' intimata f'problemi ta' over heating ta' prodotti varji, u kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt is-smiegħ tat-talba, l-allegazzjoni li dan it-thermal heat paste ma kienx idoneju għat-tiswija tal-prodott in kwistjoni hija assolutament nfondata. Is-socjeta' intimata fil-fatt qatt ma rċeviet l-ebda ilment mingħand ħadd fuq l-użu ta' dan it-thermal heat paste.

9. Illi, inoltre, wara ezaminazzjoni bir-reqqa mit-teknici tas-socjeta' intimata wara l-ilment relatat mad-difett allegat fit-talba tar-rikorrent, jirrizulta illi d-difetti allegati kienu riżultat ta' hard drive problematika (kopja tar-rapport annessa u mmarkata bħala "DokFOR2") u skarikar (jew downloading) ta' software (fosthom numru ta' browsers differenti sabiex wieħed ikun jista' jaċċessa paġni differenti ta' social media fl-istess ħin taħt profili differenti) li kien qiegħed jirrallenta l-ħidma tal-operating system tal-prodott.

10. Illi r-rikorrent kien gie nfurmat b'dawn il-kawzi u l-hard drive fil-fatt inbidel u, wara li r-rikorrent ippreżenta testijiet minn tekniku terz li kkontradixxew l-ezaminazzjoni tas-socjeta' intimata, s-socjeta' intimata ma kellha l-ebda diffikolta' illi terga' tinstalla l-hard drive ta' qabel

(hekk kif rikjest mir-rikorrent) u tirrifondi l-ispejjez kollha li ġarrab ir-rikorrent, allavolja insistiet illi mhux hekk wrew l-ezaminijiet propji.

11. Illi issa jidher illi r-rikorrent, bil-hard drive l-antik installat (kif, fuq kollox rikjest minnu), baqa' bl-istess problema pero' issa qieghed jallega difett f'parti ohra tal-prodott in kwistjoni liema allegazzjoni, kif hawn fuq suespost, ma hijiex kredibbli ghaliex ma huwiex verosimili illi wiehed jallega t-thermal heat paste jikkawża overheating u ghaldaqstant difett ta' dan it-tip.

12. Ghaldaqstant, filwaqt illi tirriserva li tressaq iktar eċċezzjonijiet u evidenza waqt is-seduta, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil dana t-Tribunal joghgbu jiddikjara u jiddeċiedi illi s-socjeta' intimata ma ghandiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' ittra registarata li ntbaghtet lis-socjeta' ntimata, li ġiet immarkata bhala Dok.SG1; flimkien ma' korrispondenza, li giet immarkata bhala Dok.SG2.

Xehed Ivan Caruana, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi huwa IT Professional. Ir-rikorrent kien hadlu l-hard drive biex jittestjaha u rrizulta li l-hard drive ma kellha xejn u l-physical health taghha kien 100%. Wara dan, ir-rikorrent kien talbu biex jifthu u sab li kien fih thermal paste inferjuri. Spjega li jeżistu żewġ tipi ta' paste, metallic u ceramic u l-laptop in kwistjoni kellu dan ta' l-ahhar. Mistoqsi ghalfejn semma l-kelma inferjuri, ix-xhud ikkorega ruhu u qali li mhux inferjuri, sempliċiment li mhix sostitwibbli il-prefabricated thermal paste li tohrog mill-fabbrika. Fis-CPU ix-xhud stqarr illi kien sab ċippa fic-cirkolazzjoni tal-fan u li ma jafx x'kienet din ic-cippa. Mistoqsi x'jistghu jkunu l-konsegwenzi ta' dan il-paste, ix-xhud sqarr illi ma jkunx jiflah kemm ghandu jiflah.

In kontro-ezami, l-istess xhud qabel illi s-shana tkun l-aktar baxxa malli tixghel il-kompjuter u t-temperatura titla' gradwalment. Stqarr illi jista' jkun li l-paste ghandu parti kbira f'din il-problema, fil-fatt 80% cans ta' dan. Huwa eskluda li tista' tkun problema ta' software.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi ma kienitx hi biss li rat in-notebook in kwistjoni, iżda kien hemm interventi ohra minn terzi persuni, liema fatt jirrizulta mir-rapport eżebit ta' Ivan Caruana, u mix-xhieda tar-rikorrent stess. Ikkonfermat illi meta ttestjat in-notebook l-ahhar darba kienet qed tahdem perfettament, u li hafna drabi l-problema kienet minn software li r-rikorrent kien qed iniżżel hu stess.

It-Tribunal josserva illi fuq domanda tieghu stess rigwardanti l-ezistenza o meno ta' l-allegat stima, a bażi ta' liema r-rikorrent ghamel it-talba in dezamina, ir-rikorrent wiegeb illi ma kellux *din l-istima in kwistjoni.*

It-Tribunal qed jichad l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mis-socjeta' ntimata, stante illi ma ngabet l-ebda prova ta' l-istess.

It-Tribunal qed jichad ukoll it-tieni eċċezzjoni ssollevata mis-socjeta' ntimata, u dana b'referenza ghal Dok.SG1 gia eżebit mir-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi r-rikorrent ghamel it-talba de quo a bażi ta' stima, liema stima ma ġiet qatt ippreżentata fil-mori ta' din il-kawza, qed jichad it-talba tar-rikorrent, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**